

# Il-Labtu tal-Karmnu u Maltin magħrufa



**Ven. Nazju Falzon:** Kien dejjem ixerred id-devozzjoni tal-Labtu billi kien iqassam il-labtijiet lil dawk li kienu jmorru għandu

**Dun Ġorġ Preca:**



Kien devot kbir tal-Madonna tal-Karmnu. Fl-Lulju ta' l-1918 inkiteb Terzjarju Karmelitan, u pprofessa f'Settembru tas-sena ta' wara bl-isem ta' Patri Franco. Ma kien jixba qatt isemmi l-privileġġi li jiksbu dawk kollha li jilbsu devotament il-Labtu tal-Karmnu. Hu daħħal l-użanza li t-tfal kollha tal-M.U.S.E.U.M. wara l-ewwel tqarbina, jinkitbu fil-Labtu. Is-soċji tiegħu ħallielhom fir-regola li jġibu fuqhom dejjem il-Labtu, u li jxandruh kemm jifilħu fis-Sajdiet Mużewmini.

**Dun Karm Psaila:**



Il-Poeta Nazzjonali kien devot kbir tal-Madonna tal-Karmnu. Fl-1955 inkiteb fit-Terz Ordni Karmelitan u fl-20 ta' Ġunju ta' l-1956 ipprofessa fit-Terz' Ordni kemm Mons Carmelo Psaila kien iħobb lill-Madonna m'hemmx bżonn ngħiduh: jafu kulħadd u jixhduh il-poeżiji tiegħu: b'mod partikolari tidher il-qima tiegħu lejn il-Madonna tal-Karmnu u t-tama tiegħu fiha, fil-poeżija "Lill-Madonna tal-Karmnu."

**Prof. Anastasju Cuschieri:**



Il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija li barra li hu Patri Karmelitan, devot żgur lejn il-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu, kiteb fuq it-tletin poeżija fuq il-Modonna bil-Malti u ħafna oħrajn bit-Taljan.